MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 558/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**D & S Lifts Limited**
**Albert u Mary mizzewgin Debono**
**Maurice u Rose mizzewgin Spiteri, u**
**Island Dwellings Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-31 ta’ Mejju 2012 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tlett kuntratti wiehed minnhom maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza datat 5 ta’ Mejju 2000 (Dok. A), iehor maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Spiteri datat 27 ta’ Dicembru 2002 (Dok. B) u iehor maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Anton Borg datat 18 ta’ Frar 2010 (Dok. C), is-socjeta attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta D & S Lifts Limited;

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tas-socjeta D & S Lifts Limited fis-somma ta' mija u tlieta u sittin elf, mija u tmienja u erghbin ewro u wiehed u disghin centezmu (€163,148.91) bilanc ghad-debitu fl-"*Overdraft Account"* tas-socjeta D & S Lifts Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. D1 sa D48) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-25 ta' Jannar 2012 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi permezz tal-kuntratt datat 27 ta' Dicembru 2002, in atti Nuttar Dottor Joanne Spiteri (Dok. B), u permezz ta' sitt skritturi privati datati 16 ta' Mejju 1998 (Dok. E), 17 ta' Gunju 2002 (Dok. F), 26 ta' Settembru 2002 (Dok. G), 13 ta' Jannar 2003 (Dok. H), 9 ta' Mejju 2003 (Dok. I) u 10 ta' Jannar 2005 (Dok. J), il-konvenuti Albert u Mary mizzewgin Debono iggarantew flimkien u "in solidum*"* mas-socjeta D & S Lifts Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta D & S Lifts Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Illi permezz tal-kuntratt datat 18 ta' Frar 2010, in atti Nuttar Dottor Anton Borg (Dok. C), u permezz ta' sitt skritturi privati datati 16 ta' Mejju 1998 (Dok. E), 17 ta' Gunju 2002 (Dok. K), 26 ta' Settembru 2002 (Dok. L), 13 ta' Jannar 2003 (Dok. M), 9 ta' Mejju 2003 (Dok. N) u 10 ta' Jannar 2005 (Dok. O), il-konvenuti Maurice u Rose mizzewgin Spiteri iggarantew flimkien u "in solidum*"* mas-socjeta D & S Lifts Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta D & S Lifts Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

5. Illi permezz tal-kuntratt datat 18 ta' Frar 2010, in atti Nuttar Dottor Anton Borg (Dok. C), is-socjeta konvenuta Island Dwellings Company Limited iggarantiet flimkien u "in solidum*"* mas-socjeta D & S Lifts Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta D & S Lifts Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

6. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

7. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' erba' ittri ufficjali datati 9 ta' Frar 2011 li kopji taghhom qed jigu

hawn ezibiti w immarkati Dok. P, Q, R u S, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara lis-socjeta D & S Lifts Limited, lil Albert u Mary mizzewgin Debono, lil Maurice u Rose mizzewgin Spiteri u lis-socjeta Islands Dwellings Company Limited jhallsu lis-socjeta attrici flimkien u ”in solidum” bejniethom is-somma ta' mija u tlieta u sittin elf, mija u tmienja u erghbin ewro u wiehed u disghin centezmu (€163,148.91) bilanc ghad-debitu fl-”*Overdraft Account”* tas-socjeta D & S Lifts Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. D1 sa D48) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-25 ta' Jannar 2012 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-erba' ittri ufficjali datati 9 ta' Frar 2011 kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha li tghid hekk:
1. Illi in linea preliminari, jispetta lis-socjeta attrici tipprova illi s-somma reklamata hija tassew dovuta, u partikolarment billi l-bank attur jressaq prova illi l-imghaxijiet ghall-perjodu li jsegwi l-kuntratt tan-Nutar Dottor Joanne Spiteri tas-27 ta' Dicembru 2002 gew effettivament kalkolati bil-mod stabbilit fl-istess sanction letter;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu skond il-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta rikorrenti;

Semghet ix-xhieda ta’ Rose Cortis, rapprezentanta tal-bank attur li kkonfermat bil-gurament taghha li mid-data tal-prezentata tal-kawza ma inbidel xejn u l-ammont ghadu kollu dovut kif mitlub sallum. Inoltre l-imghaxijiet inhadmu bil-compound interest sad-data tal-call-in u bis-simple interest il-quddiem;

Rat il-verbal tat-18 ta’ Ottubru 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-7 ta’ Novembru 2012 wara li l-konvenuti peremezz tad-difensuri taghhom iddikjaraw li ma kellhomx provi.

Il-Qorti wara li rat l-atti tal-kawza hi sodisfatta illi l-bank attur kien kreditur tas-somma mitluba, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi l-konvenuti ma kkontestawx l-ammont dovut bi prova kuntrarja li tpoggi fid-dubbju dak sostnut mill-bank attur bil-kuntratti u statements esebiti. Inoltre x-xhud tal-bank attur spjegat kif inhadmu l-imghaxijiet u l-konvenut lanqas ghal din il-prova ma ressqu xi oggezzjoni jew qajmu dubbju serju dwar il-komputazzjoni tal-imghax.

Il-Qorti ghalhekk ma ssibx raguni ghalfejn is-somma reklamata mill-bank attur inkluz l-imghaxijiet kif komputati ma kienux skond il-ligi u l-ftehim.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti kollha flimkien u in solidum jhallsu lil-bank attur l-ammont ta’ mija u tlieta u sittin elf, mija u tmienja u erghbin ewro u wiehed u disghin centezmu (€163,148.91), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------